MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 871/1992/1

**Citazzjoni numru 871/92 GC**

**Brian Taylor ghan-nom u in rapprezentanza tal-"Mediterranean Underwriting Managers Limited" u din in rapprezentanza tas-Socjeta' Assikuratrici Estera "Service Motor Policies - Lloyds" kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Charles Azzopardi sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Tarcisio Baldacchino**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi fit-3 ta' Gunju 1991, f'B'Bugia ghall-habta tat-3.00 p.m. il-konvenut kien qieghed isuq vettura numru J-6914 huwa habat ma' vettura numru R-8597 misjuqa minn Charles Azzopardi u liema vettura hija assikurata taht polza "comprehensive" mal-attur nomine;

Illi dan l-incident gara minhabba negligenza, imperitia, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Illi b'rizultat tal-istess incident l-attur nomine sborsa s-somma ta' tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tlieta u disghin il-centezmu (Lm888.93) fl-interess tal-assikurat tieghu sabiex tissewwa l-hsara fil-vettura Nru. R-8597;

Illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas lill-attur nomine is-somma fuq imsemmija in linea ta' danni b'konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi, izda baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq citat;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' tmien mija u tmienja u tmenin liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm888.93) in linea ta' danni b'rizultat tal-incident stradali fuq riferit u jekk hemm bzonn bin-nomina ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah ihallas lill-attur nomine is-somma ta' tmien mija u tmienja u tmenin liri Maltin u tlieta u disghin il-centezmu (Lm888.93) in linea ta' danni b'rizultat tal-incident stradali fuq riferit;

Bl-imghaxijiet legali minn notifika tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu 1992 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-istess ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu 1992 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fej gie eccepit:

1. Illi fl-ewwel lok ghandha tigi provata l-allegata surroga u l-allegat hlas lill-assikurat tal-attur;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi provat il-Mandat ta' l-atturi moghti mis-socjeta' estera indikata, kif allegat;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident de quo gara unikament b'tort esklussiv ta' Charles Azzopardi;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talba ghal-likwidazzjoni ghandha fi kwalunkwe kaz tigi sopportata mill-attur;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talba attrici wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont rikjest huwa ghal kollox esagerat;

6. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet kif rikjesti ghall-imghaxijiet legali ghandhom ukoll jigu respinti stante

li la darba si tratta dwar kawza ghal-likwidazzjoni ta' danni l-interessi relattivi jghaddu biss mid-data tal-likwidazzjoni;

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fejn gie eccepit illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati d-domandi attrici huma insostenibbli stante li l\s-"Services Motor Policies Lloyd" mhux persuna guridika fis-sens legali u ghalhekk ma ghandiex il-jedd li tippromuovi l-kawza, kif gia gie deciz fil-kawza tal-4 ta' Gunju 1993 fl-ismijiet "Brian Taylor nomine vs Jason Debattista" (citazzjoni 881/91/AJM);

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2000;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fit-3 ta' Gunju 1991, gewwa Birzzebbugia, ghall-habta tat-3.00 ta' wara nofs in-nhar, sehh incident stradali, fejn kien hemm involuti l-konvenut, li kien qieghed isuq van numru ta' registrazzjoni J-6914, u l-assikurat tal-atturi, Charles Azzopardi, li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni R-8597. Skond is-socjeta assikuratrici attrici, l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghal dan l-incident. Dejjem, skond is-socjeta attrici, hija hallset ghad-danni kollha sofferti fil-vettura tal-assikurat taghha u ghal dawn id-danni hallset is-somma komplessiva ta' tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tlieta u disghin il-centezmu (Lm888.93). Illi ghalhekk is-socjeta attrici, li giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assikurat taghha, qed tghamel din il-kawza sabiex il-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

Fl-ewwel lok il-konvenut eccepixxa ulterjorment li d-domandi attrici huma insostenibbli stante li s-"Services

Motor Policies Lloyd” mhux persuna guridika fis-sens legali u ghalhekk ma ghandiex il-jedd li tippromuovi l-kawza;

Din l-eccezzjoni ulterjuri ghandha tigi respinta in vista tal-provedimenti tal-Att XVII tal-1998;

Il-konvenut jgamel xi eccezzjonijiet preliminari, pero' fil-mertu huwa qed jeccepixxi li l-incident in kwestjoni gara esklusivament tort tal-assikurat tal-atturi u li fi kwalunkwe kaz l-ammont rikjest huwa ghal kollox esagerat;

L-assikurat tal-atturi u l-konvenut sostanzjalment jghatu versjonijiet differenti ta' kif gara l-incident. L-assikurat tas-socjeta attrici jghid li huwa, bil-karozza tieghu Mazda, kien niezel in-nizla ta' Birzebbuga u mid-direzzjoni opposta kien tiela' l-konvenut bil-van tieghu. F'hin minnhom u f'daqqa wahda il-konvenut qasam minn quddiemu u dar ghal fuq il-lemin tieghu sabiex jidhol go triq laterali;

L-assikurat tal-atturi qal li rah lill-konvenut qed jibda jaqsam u dak il-hin ma rah jghamel l-ebda sinjali biex jindika din il-manuvra. L-assikurat tal-atturi ttanta jevita lill-konvenut billi ttanta jikser fuq il-lemin tieghu pero' ma setax johrog hafna peress li kien hemm traffiku iehor gej minn wara l-vettura tal-konvenut u ttanta ukoll jazzjona il-brake. Huwa qal li bid-daqqa l-konvenut baqa' diehel ghal god-direzzjoni tal-imsemmija triq laterali. Huwa jghid li l-ewwel darba li ra l-konvenut kien meta beda jaqsam il-karreggiata tieghu u dak il-hin ma kienx hafna boghod minnu;

Il-konvenut jammetti li huwa ried jaqsam il-karreggiata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta sabiex jidhol go triq laterali. Huwa qal li qabel beda jghamel din il-manuvra huwa xeghel l-indicator, naqqas il-velocita' tieghu u gie bil-kemm qed jiccaqlaq. Qal li meta beda idur ma kien hemm hadd gej mid-direzzjoni oposta. Huwa beda jdur u meta lehaq dahal sew fil-karreggiata opposta sema brake

qawwi u hass daqqa fuq in-naha ta' wara tal-vettura tieghu. Huwa jghid li fl-ebda hin ma ra l-assigurat tal-attur gej mid-direzzjoni opposta. Il-konvenut jammetti li, ghar-rigward tat-traffiku li jkun gej mid-direzzjoni opposta, hemm vizwali fit-tul;

Il-versjoni tal-attur hi aktar verosimili u aktar kredibbli. Difatti kieku l-konvenut kien aktar attent u kieku huwa spezzjona sewwa ghat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta, ma hemmx dubju, li lill-assikurat tal-atturi kien jarah u dan peress li hemm vizwali pjuttost twila. Jidher li l-konvenut ,ma ghamel ebda sinjal u qabad u qasam il-karreggiata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta u dana minghajr ma spezzjona sewwa t-triq. Huwa ghalhekk holoq emergenza improvisa ghall-assikurat tal-atturi li ma setax jevita li jolqot lill-konvenut;

Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghal dan l-incident. Ma jirrizulta xejn li jista jitfa xi tort fuq l-assikurat tal-atturi. Ma jirrizultax sufficjentement li l-assikurat tal-atturi kien ghaddej b'velocita' aktar milli jmissu u dan ghar-rigward tac-cirkostanzi li kien jinsab fihom. Dan jirrizulta mil-mod kif grat il-habta, li ma jidhirx li kienet xi wahda kbira, kif ukoll mill-hsarat fil-vetturi involuti. Ix-xhud prodott mill-konvenut, liema xhud kien riekeb mal-istess konvenut, mhux kredibbli In effett dan ix-xhud jghid li ghalih is-sewwieq l-iehor involut f'din il-habta gie jew "waqa mis-sema.";

Jirrizulta li d-danni sofferti mill-assikurat tal-atturi fil-vettura tieghu jammontaw ghas-somma ta' tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tlieta u disghin il-centezmu (Lm888.93). Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher li dan l-ammont hu ragjonevoli tenut kont tad-daqqiet li sofriet il-vettura in kwestjoni. Difatti mid-dokumenti esibiti jirrizulta ampjament pruvat li sabiex giet irrangata l-hsara ntefqet l-imsemmija somma;

Jirrizulta ukoll sufficjentement pruvat li s-socjeta attrici hallset l-imsemmija somma lill-assigurat taghha u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet kollha tieghu;

In vista tal-premess l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu respinti, filwaqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni; tillikwida d-danni sofferti mill-assikurat tal-atturi fil-vettura tieghu bhala konsegwenza ta' dan l-incident fis-somma ta' tmien mija u tmienja u tmenin liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm888.93) u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici, li giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assikurat taghha, l-imsemmija somma ta' Lm888.93 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------